

P6_TA(2007)0580

Adattazzjoni ta' l-Anness VIII għall-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tadatta l-Anness VIII għall-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija (COM(2007)0594 – C6-0405/2007 – 2007/0217(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0594),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 34(4) ta' l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0405/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A6-0455/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 3. Jitlob il-ftuħ tal-proċedura ta' konċiljazzjoni prevista fid-Dikjarazzjoni Konġunta ta' l-4 ta' Marzu, 1975, jekk il-Kunsill ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda il-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.